MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 668/2002

**Avviz numru 668/02DM**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**Vs**

**Ian Gauci**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut  ghal hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u disghin lira Maltin (Lm3490) rappresentanti import ta' hdax (11) il-kambjala, wahda ta' Lm90 (bilanc), wahda ta' Lm2,500 u disgha ta' Lm100 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Ottubru 2002 rispettivament u mhux imhallsa, u li huma annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 11 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-31 ta' Ottubru 2002 jammontaw ghal Lm97, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal- 15 ta' Mejju, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domani in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li rat illi gew esebiti l-kambjali originali ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, erba mija u disghin liri Maltin (Lm3490) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz sabiex ihallas ukoll is-somma ta' Lm97 (seba' u disghin lira Maltin) imghaxijiet skadut sal-31 t'Ottubru 2002 oltre l-imghaxijiet ulterjuri b'effett mill-1 ta' Novembru 2002 fuq il-kapital ta' Lm3490 ( tlett elef, erba mija u disghin liri Maltin);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------